**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Novembru 2008 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-263/06)** [1]

***("FAEGG — Taqsima 'Garanzija' — Spejjeż esklużi mill-finanzjament Komunitarju — Miżuri ta' akkompanjament għall-iżvilupp rurali — Terminu ta' 24 xahar — Evalwazzjoni tal-ispejjeż li għandhom jiġu esklużi — Kontrolli fundamentali — Prinċipju ta' ne bis in idem — Estrapolazzjoni tal-konstatazzjonijiet ta' nuqqasijiet — Prinċipju ta' proporzjonalità")***

(2009/C 19/47)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: I. Chalkias u G. Kanellopoulos, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: F. Jimeno Fernández u H. Tserepa-Lacombe, aġenti, assistiti minn N. Korogiannakis, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/554/KE, tas-27 ta' Lulju 2006, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti spejjeż magħmula mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), Taqsima "Garanzija" (ĠU L 218, p. 12), sa fejn din teskludi ċerti spejjeż magħmula mir-Repubblika Ellenika fis-settur tal-miżuri ta' akkompanjament għall-iżvilupp rurali.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 281, 18.11.2006.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Novembru 2008 — Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-278/06)** [1]

***("FAEGG — 'Taqsima Garanzija' — Spejjeż esklużi mill-finanzjament Komunitarju — Butir — Kontroll tal-kwantità tal-prodott miksub — Kontrolli fuq il-post — Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 2571/97")***

(2009/C 19/48)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment minn E. O'Neill imbagħad I. Rao, aġenti, assistiti minn H. Mercer, barrister)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: P. Oliver, aġent)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/554/KE, tas-27 ta' Lulju 2006, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti spejjeż magħmula mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), Taqsima "Garanzija" (ĠU L 218, p. 12), safejn hija teskludi ċerti spejjeż magħmula mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-qasam tal-grass tal-butir fl-industrija tal-ikel.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huma kkundannati għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 294, 2.12.2006.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Diċembru 2008 — Ford Motor vs UASI (FUN)**

**(Kawża T-67/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali FUN — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 19/49)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ford Motor Co. (Dearborn, Michigan, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Ingerl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Diċembru 2006 (Każ R 1135/2006-2) li tikkonċerna applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali FUN bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-20 ta' Diċembru 2006 (Każ R 1135/2006 2), hija annullata.*

2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 95, 28.4.2007.

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Novembru 2008 — Avon Products vs UASI (ANEW ALTERNATIVE)

**(Kawża T-184/07)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ANEW ALTERNATIVE — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 19/50)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Avon Products, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Heitmann-Lichtenstein u U. Stelzenmüller, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn S. Laitinen u P. Bullock, wara minn G. Schneider, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-UASI tat-22 ta' Marzu 2007 (Każ R 1471/2006-2) dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal verbali ANEW ALTERNATIVE bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Avon Products Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 170, 21.7.2007.

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Diċembru 2008 — Harman International Industries vs UASI — Becker (Barbara Becker)

**(Kawża T-212/07)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Barbara Becker — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti BECKER — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 19/51)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

Rikorrenti: Harman International Industries, Inc. (Northridge, Kalifornja, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Vanhegan, barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Barbara Becker (Miami, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Baronikians, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Marzu 2007 (Każ R 502/2006-1) dwar proċidementi ta' oppożizzjoni bejn Harman International Industries, Inc. u Barbara Becker.

### Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-7 ta' Marzu 2007 (Każ R 502/2006-1) hija annullata.*

2) *It-talba ta' Harman International Industries, Inc., għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Barbara Becker hija miċħuda bħala inammissibbli.*

3) *L-UASI għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Harman International Industries.*

4) *Barbara Becker għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 183, 4.8.2007.